# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2023 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Mejju 2023 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Ġunju 2023 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Lulju 2023 fis-6.30p.m.
   **Il-laqgha tas-7 ta' Mejju tibda bir-rużarju min tarf it-triq il-qadima.**
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 384, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi, SGW 2016 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-*website*.
7. L-indirizz tal-*website* tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 134 April 2023 ĦARĠA ELETTRONIKA




**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura Għid Qaddis lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Ġesu qalilna, "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."**

# IR-RABTA TA' SAN ĠUŻEPP MAL-GIRGENTI

*(It-tieni parti)*

## SAN ĠUŻEPP FI KLIEM MARIJA SANTISSIMA

Lil San Ġużepp niltaqgħu ukoll miegħu f'uħud mill-messaġġi li skond Ġuża l-Madonna stess kienet twasslilha. Naqraw flimkien din is-silta fejn l-Omm Verġni Marija f'Jannar 1987 qed tgħid lil Ġuża, "Lili l-qaddis Ġużeppi semmihuli l-Anġlu tal-Mulej meta jiena għidtlu: 'Jiena ma nistax ikolli tfal la darba jiena ma nagħrafx raġel.' U huwa qalli: 'Kullma ħa jkun fik ħa jkun bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu.' Jiena qbadt nitlob lill-Mulej u dak il-ħin għaddieli ħsieb kbir fuq din it-tarbija divina li qalli biha l-anġlu. Il-ħsieb kien illi jiena ngħaraf liema raġel għandu jkun il-missier puttativ tat-tarbija. Jiena nieħu ħsieb it-tarbija divina u hu jieħu ħsieb tiegħi... U aħna tant konna kuntenti b'din it-tarbija divina... Aktar kemm iż-żmien beda jgħaddi minn fuq din it-tarbija aktar l-intelliġenza t'Alla bdiet tikber u tikber fih."



Għeżież ħuti, jiena qed ngħidilkom f'isem il-Madonna, kemm kienet tħobbu l-Bambin Ġesu, kemm kienet tgħożżu lill-Bambin Ġesu, kemm kienet tara t-trobbija tiegħu biex tarha avvanzata fil-kobor t'Alla, dak li Alla ried joħroġ f'dik it-tarbija. U l-għażiża Ommi Marija smajtha tgħidli wkoll



rigward il-qdusija li kellu l-missier tagħna San Ġużepp, missier il-knisja u missier il-bnedmin kollha illi tant fil-passat ħa ħsieb il-Knisja u għadu jieħu ħsieb sal-ġurnata mqaddsa tallum. Jaħasra kemm jisgħobbini għal ħafna nies li lil dan San Ġużepp m'humiex jistmawh kif suppost tal-kobor li fdalu Alla f'idejh rigward it-tarbija divina u l-familja mqaddsa li ried jieħu ħsiebha. Għandna jkollna devozzjoni speċjali lejh rigward mhux dik il-ġurnata ta' San Ġużepp biss, imma matul il-ġranet tas-sena kollha, għaliex dana San Ġużepp qed jieħu ħsieb tad-dinja kollha u b'mod speċjali l-gżejjer ta' Malta u Għawdex."

F'messaġġ iddettat minn Ġuża fil-21 ta' Jannar 1989, hija tgħid hekk: "Il-lejl ta'l-Erbgħa sbieħ il-Ħamis, kien kbir wisq u nixtieq ħafna li jinfetaħ moħħi u anka jinfetaħ tagħkom... Meta wasalt fit-tielet posta, jiena għidt, 'Mela Madonna, illum il-Ħamis wellidt dik it-tarbija fl-għar ta' Betlem. Jiena ma għandix solliv u kumdita, m'għandi xejn'u minnufih nisma' l-leħen tal-Madonna li qaltli, 'Għażiża Binti, jinħlew ħafna flus għax tkun ġejja tarbija fid-dinja. Lili ħadd ma kellu fejn jilqagħni imma kien hemm għar bl-annimali, annimali kbar, xi ngħaġ u xi baqra. Peress li kont qegħda f'sitwazzjoni mbarazzanti ħafna biex nagħti dik it-tarbija Divina illi niżlet mis-sema u ċċaħdet għal kollox mill-għamara sabiħa tal-Belt Imqaddsa t'Alla, daħal Ġużeppi b'fanal f'idu biex ineħħi l-ħmieġ ta' l-annimali mill-maxtura fejn kienu jagħtu t-tiben lill-annimali.

Alla tani lil dan Ġużeppi biex jindukrani, bħala bniedem spiritwali, konna nistħu minn xulxin, imma li kieku l-anġlu ma ħabbrux lil dan ir-raġel kieku lili kienu jħaġġruni bil-ġebel għax sa minn żmien Mose hekk kienu jagħmlu. Jien kont imħabbta ħafna għax lil din it-tarbija sa mill-bidu riedu joqtluha, kemm ix-Xitan u kemm Erodi. Kulma kelli kienu biss ftit ħwejjeġ li jiena ħadt mill-ħanut fejn konna naħdmu f'Nażaret."

Imbagħad f'Marzu 1988, Ġuża qalet li l-Madonna kienet qaltilha, "Ibqgħu sejħu ħafna lil San Ġużepp li hu magħqud mal-Knisja

Mqaddsa rigward id-devozzjonijiet tiegħu, il-ħajja mqaddsa tiegħu li ħa ħsieb tiegħi meta kont fid-dinja u Ibni Ġesu, sakemm il-Mulej bagħat għalih. Jien naf il-qdusija ta' dan ir-raġel li kien ġej mill-Id tal-Providenza t'Alla u fil-passat dan San Ġużepp aktar kellu devozzjoni milli għandu fiż-żmien tallum

Itolbuh lil dan l-imqaddes San Ġużepp illi qiegħed qrib il-Mulej biex ikompli jgħaqqad il-Knejjes kollha tad-dinja... żommuh bħala bniedem divin, bħala bniedem illi kien mogħġub minn Alla... biex dana l-qaddis divin li Alla nqeda bih fid-dinja biex jieħu ħsieb it-trobbija ta' l-Iben t'Alla u ta' Ibni, ma jonqoskomx mit-talb tiegħu quddiem il-Mulej, quddiem Ġesu illi tant għamel biex dana jipproteġieħ fid-dinja, biex ikollkom il-paċi t'Alla... kemm fil-Knisja Mqaddsa u kemm fil-bżonnijiet tagħkom kollha.

Binti, bħala bniedma li ġġib l-istess isem ta' dan Ġużeppi... kompli xerred dawk id-devozzjonijiet sbieħ u sentimenti sbieħ illi taf tagħti inti, illi... tant tgħid fuq l-Imqaddsa Purita'. Dana San Ġużepp tant kien iħobb il-virtu' tal-purita'. Għandhom jitolbuh ir-reliġjużi kollha lil San Ġużepp biex jagħtihom id-doni ta' l-umilta', tas-sempliċita'..."

## QANPIENA FIL-GIRGENTI

Ħaġa oħra li tiġbed l-għajn meta wieħed jitla' l-Girgenti hija l-qanpiena li hemm fuq il-kamra. Tajjeb li jingħad li ma din il-qanpiena hemm marbuta grazzja spiritwali ta' persuna li kienet tidgħi ħafna iżda għall-grazzja t'Alla kkonvertit. Din il-persuna tat xi flus lil Ġuża sabiex issir qanpiena fil-Girgenti ħalli bl-ilsien tagħha tfaħħar lil Alla u s-sema kollha u hekk tpatti ghal dak it-tkasbir li kienet tagħmel hi b'ilsienha. Aktar il quddiem Ġuża qalet li hija x-xewqa tal-Madonna li jindaqqu ħames tokki, tlieta b'rispett lejn it-tliet persuni tas-Santissima Trinita, ohra għall-Madonna u l-ohra għal San Gużepp u b'tifħir lis-sema kollha. Biex xieraq li mill-qaddisin kollha jkun proprju San Ġużepp li għal kobor u l-qdusija tiegħu jissemma b'ismu.



## SORIJIET "MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI"

Fil-laqgħa ta' Settembru 1989 Ġuża telgħet il-Girgenti liebsa libsa sewda li fuqha kellha strixxa bl-ittri M. G. S. M. G. Dakinhar Ġuża qalet li l-Madonna kienet qaltilha li hi ser tkun l-ewwel Madre tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u li ser tibda tissejjaħ Madre Marija Ġuża. Qalet ukoll li jrid ikun hemm is-Sisters Madonna tal-Konsagrazzjoni ħalli meta tinbena l-knisja din tinżamm miftuħa. Il-Madonna qaltilha, "Il-Knisja trid tinfetaħ u tibqa' miftuħa u intom is-sisters tridu tkunu madwar il-Knisja meta jiġu kemm il-Maltin u l-Għawdxin u kemm nies barranin, turisti... Sorijiet inti trid tirċievi mill-erba' nħawi tad-dinja... Tridu taħdmu għal kulħadd, m'hemm ħadd illi jkun għadu tagħkom. Tridu taħdmu id f'id, bil-paċi ma' kulħadd kemm f'artkom u kemm barra minn artkom, bħalma għamilt int matul ħajtek... Binti, inti ħa tmut b'libsa ta' reliġjuża bħalma qallek dak il-Father li kien jgħix taħt l-istess saqaf ta' ħuk, Emvin Busuttil."

Ġuża tat ukoll spjegazzjoni tal-ħames ittri u qalet li dawn ifissru: Mulej, Ġesu, Spirtu s-Santu, Madonna u San Ġużepp. Xejn kumbinazzjoni - l-għaqda tat-Trinita u l-Familja Mqaddsa li minnha San Ġużepp jifforma parti!

*L-ewwel parti kienet dehret fil-ħarġa numru 122 ta' dan il-fuljett, pubblikat f'April 2020.*

**Dr. Sylvana Azzopardi**

## TALBA LIL SAN ĠUŻEPP

O Mqaddes Ġużeppi, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b'tama qawwija nsejħu l-patroċinju tiegħek, wara dak tal-Għarusa Mqaddsa tiegħek.

Mela f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba li biha kont marbut max-Xebba bla tebgħa, omm Alla, u f'ġieħ dik l-imħabba ta' missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn

il-wirt għażiż, li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif int, O Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Mqaddsa u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, Missier ħanin, din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f'din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, O Protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa iddefendi l-Knisja Mqaddsa t'Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm.

Xerred dejjem fuq kull wieħed u waħda minna l-patroċinju tiegħek, sabiex bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta' dejjem ġewwa l-ġenna. Ammen.

## TISLIMA LIL CARMEN GARZIA



Għażiża Carmen, ilkoll inħsadna meta smajna li ħallejtna u mort tiltaqa' mal-Mulej, Ommna Marija u l-qaddisin li tant kont tħobb.
Minn jaf kemm int ferħana issa li qed tarahom mill-viċin. Imma għall-familja u l-ħbieb tiegħek il-firda hija iebsa.
Inti kont persuna ta' rispett kbir, qalbek tajba, sinċiera u taħseb f'kulħadd.
Grazzi tas-snin li qattajt membru fil-Kumitat u x-xogħol li għamilt biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna anka meta ma stajtx tibqa' membru.
Grazzi wkoll lill-familja tiegħek li kienu jappoġġjawk. Il-Mulej jagħti l-mistrieħ ta' dejjem lilek u s-sabar lil żewġek Leli, bintek Isabel u n-nepputijiet Nicole u Daniele, bosta qraba u ħbieb.



## IL-LAQGĦA TAS-7 TA' MEJJU 2023

Kien sewwa sew il-5 ta' Mejju 1986, erba' u tletin sena ilu, illi b'tant kuraġġ u rieda soda Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa ferm sabiħa li n-nies jitilgħu il-Girgenti f'kull ħin tal-ġurnata jiftħu qalbhom ma' dik l-omm li tana Ġesù stess fuq is-salib, iżda jkun ħafna u ħafna xieraq li apparti dan niddedikaw il-lejla tal-Ħadd 7 ta' Mejju lil Ommna Marija. Il-laqgħa tibda fis-6.00pm bir-rużarju minn tarf it-triq il-qadima fejn nerġgħu inġeddu t-triq li minnha kienet telgħet l-istatwa erba' u tlieta sena ilu. Min għar-raġunijiet ta' saħħa ma jkunx jista' jibda l-laqgħa mit-triq il-qadima jkun xorta jista' jgħid ir-rużarju ħdejn l-istatwa. Il-laqgħa mbagħad tkompli b'talb, kant u b'tifħir lil Alla. Niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien.

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt il-laqgħa tas-7 ta' Mejju 2023 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook (Madonna tal-Konsagrazzjoni) jew ittra f'384, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi jew ikellmu lill-membri tal-Kumitat jew iċemplu 79881964.

## TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*